***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija erbgħa u għoxrin laqgħa (laqgħa ta' urġenza) tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tlieta 30 ta' April 2013 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

Il-Viċi Sindku kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat minħabba impenji oħra. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk il-Viċi Sindku ġie skużat mill-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Ġieħ il-Ħamrun

Is-Sindku nnomina lil Prof. Raymond Mangion sabiex jingħata Ġieħ il-Ħamrun din is-sena.

Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ il-Ħamrun 2013 jingħata lil Professur Raymond Mangion.

Ġie deċiż ukoll li jingħata rikonoxximent lill-Onor. Dr. Paula Mifsud Bonnici għas-servizz tagħha matul l-14-il sena bħala Kunsillier, lill-1st Hamrun Boy Scout Group fl-okkażżjoni tal-100 sena anniversarju mit-twaqqif u lill-Ħamrun Liberty fl-okkażżjoni tal-50 sena anniversarju mit-twaqqif.

Il-Kunsill qabel li fil-ħarġa ta' Diċembru tal-Fuljett tal-Kunsill isir avviż biex ir-residenti jinnominaw persuni għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill biex jingħataw Ġieħ il-Ħamrun.

**4. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

DATA